MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

**GUDIKATUR DR.**
**ELLUL ANTHONY**

Seduta ta' 14 ta' Dicembru, 2001

Talba Numru. 1062/2001/1

**Executive Services Ltd**

**vs**

**Therese Agius**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' sebgha mija u sittin lira Maltija (Lm760) hlas dovut ghal servizz ta' reklamar u servizzi ohra relatati.

Ra r-risposta li giet prezentata mill-konvenuta (fol. 8) u li permezz taghha eccepiet li:

1. Il-konvenuta qatt ma kkontrattat mas-socjeta attrici ghal provisjoni ta' xi servizzi mis-socjeta attrici.

2. Illi skond ma gie riferit lill-konvenuta, l-ordni li tieghu qieghed jintalab il-hlas hlas saret minn terzi minghajr intervent tal-konvenuta u ghad-insaputa taghha. Il-konvenuta qatt ma kkonfermat jew irratifikat l-ordni ili talvolta setghet saret u qatt ma gawdiet beneficcju mis-servizz allegatament moghti lis-socjeta attrici.

Ra l-atti tal-kawza.

Semgha l-provi u t-trattazzjoni li saret mill-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

1. Il-kawza titratta talba ghall-hlas tas-somma ta' sebgha mija u sittin lira Maltija (Lm760) ghal reklami li dehru fir-rivista Tune - In.

2. Il-konvenuta hija propjetarja tan-negozju Panache gewwa Triq Manoel Magri, Hamrun.

3. Fir-rivista Tune-In (harga numru 56, 57 u 58) dehru reklami relatati ma' dan in-negozju. Il-prodotti li gew reklamati huma *"prodott(i) illi ahna nbieghu mill-hanut tieghi"* (ara xhieda li tat il-konvenuta fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2001).

4. Fuq il-*booking orders* (Dok. LSB5-LSB8) hemm il-firma ta' certu Steve Agius. Irrizulta li dan l-isem huwa falz u li l-persuna li ffirmat dawn id-dokumenti kien Olaf Cini. Skond ir-rapprezentant tas-socjeta attrici (Lisa Bonnici), meta marret fil-hanut in kwistjoni, dan Steve Agius identifika ruhu bhala l-propjetarju tal-hanut. Kompliet izzid: *"jiena ma' Therese Agius qatt ma tkellimt. Qieghda nghid 'qatt' b'riferenza ghal-perjodu meta kienu qed isiru il-booking orders"*. Iddikjarat ukoll li meta jiehdu ordnijiet, *"il-booking irridu niehduh minghand il-propjetarju tal-hanut. Ahna nistaqsu ghall-propjetarju proprju biex neskludu li l-booking jsir minn xi salesman"*.

5. Il-konvenuta xehdet li, *"fis-sajf tal-1998 jiena kelli bzonn insiefer. Kont ftehmt mal-persuna Steve Agius li fil-*

*fatt huwa Olaf Cini biex, fl-assenza tieghi, jehodli hsieb il-hanut tieghi. L-inkarigu li tajt lil Olaf Cini kien sabiex joqghod fil-hanut, jifthu u jbiegh il-merkanzija minn hemm. Jiena qatt ma tajtu l-awtorita' sabiex jaghmel xi bookings biex jidhru reklami dwar il-prodott taghna"*. Irrizulta mill-provi li l-konvenuta saret taf b'dan meta rritornat lura fil-hanut u giet avvicinata mir-rapprezentanti tas-socjeta attrici. Irrizulta wkoll li r-reklami li tieghu qieghed jintalab il-hlas kienu diga' dehru fir-rivista meta l-konvenuta saret taf b'dak li kien ghamel Olaf Cini.

6. It-Tribunal huwa tal-fehma li c-cirkostanzi tal-kaz ma jistghux jikkwalifikaw lil Olaf Cini bhala institur. Artikolu 57 tal-Kodici tal-Kummerc (Kap. 13) jistipula li: *"l-institur hu dak li jigi inkarigat, persunalment u **<u>fil-fiss</u>**, mill-kummerc jew minn linja ta' kummerc tal-principal f'post jew f'postijiet partikolari"*. Kif tajjeb jikkumenta l-Professur F. Cremona, *"The manager is an agent; but on the other hand, it cannot be placed in doubt that the manager, besides transacting business in the name and on behalf of his principal, administers the principal's affairs at least in respect of the business or branch of business with which he is charged, and performs particular services in connection therewith for his principal"* (pagna 108). Is-semplici att li jiftah il-hanut u jbiegh il-merkanzija ma jistax fil-fehma tat-Tribunal jikkwalifika lil Olaf Cini bhala institur. Dan apparti l-fatt li l-assenza tas-sid kienet ta' natura temporanja u ghalhekk hemm ukoll nieqes l-element ta' inkarigu fiss.

7. Fl-assenza tal-konvenuta, Olaf Cini kien ir-rapprezentant kummercjali tas-sid u f'dan ir-rigward japplikaw il-provvedimenti tal-Kodici Civili dwar mandat, fin-nuqqas ta' patt, ta' ligi jew ta' uzu kuntrarju (ara l-Aritkolu 49 tal-Kodici tal-Kummerc).

8. Skond l-Artikolu 50 tal-Kodici tal-Kummerc (Kap. 13) sabiex l-atti ta' rapprezentant ikunu jorbtu lill-principal irid jigu sodisfatti zewg rekwiziti:

(a) L-agent irid ikun qieghed jagixxi ghan-nom u in rapprezentanza tal-principal f'dak li jaghmel; u

(b) L-agent irid jagixxi *"fil-limiti tas-setghat"* moghtija lilu mill-principal.

9. Ghaldaqstant, fejn ir-rapprezentant kummercjali ma jagixxix f'isem u in rapprezentanza tal-principal tieghu jew jeccedi l-limiti tas-setghat moghtija lilu, f'dawn il-kazijiet m'hemmx relazzjoni guridika bejn il-principal (il-konvenuta) u t-terza persuna (is-socjeta attrici). Skond l-Artikolu 1871 tal-Kodici Civili (Kap. 16): *"meta l-mandatarju jkun agixxa fl-isem tieghu nnifsu, il-mandant m'ghandux azzjoni kontra dawk li maghhom il-mandatarju jkun ikkuntratta**, u lanqas dawn m'ghandhom azzjoni kontra l-mandant**"*. Fil-kaz odjern Olaf Cini mhux biss agixxa f'ismu, izda sahansitra agixxa taht isem falz. Jirrizulta wkoll li fl-ebda stadju meta kien qieghed isir in-negozju ma ddenitifika ruhu bhala rapprezentant tas-sid. Anzi gie kkonfermat li huwa identifika ruhu bhala s-sid tan-negozju u kien f'dawn il-vesti li ffirma il-*booking orders*. Fil-kawza **Salvatore Coleiro vs John Ellis** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-4 ta' Frar 1914 (Vol. XXI.i.93) inghad: *"La regola che il mandatario il quale nella contrattazione rispetta I confini del mandato obbliga il mandante e non s'impegna personalmente, ha luogo quando elgli contrae l'obbligazione nella sua qualita' di mandatario. Ove il contraente agendo per conto altrui, non abbia manifestato la sua qualita' di procuratore, o altrimenti dichiarato non volersi personalmente obbligare, o se la qualita' di mandatario non sia nota al terzo in modo da far presumere che questi non abbia voluto dare credito al mandatario personalmente, devesi ritenere che questi abbia contratto l'obbligazione in nome proprio"*. F'dawn ic-cirkostanzi huwa r-rapprezentant kummercjali li huwa personalment responsabbli ghan-negozju li jkun ghamel mat-terz, tant hu hekk li l-Artikolu 1871 tal-Kap. 16 jipprovdi *"izda, f'dan il-kaz, il-mandatarju hu obbligat direttament lejn il-persuna li maghha kkuntratta daqs li kieku l-affari kienet tieghu nnifsu"*. Kif tajjeb jghid l-awtur Fadda: *"Speciali rapporti possono sorgere fra mandante e terzo**, ma all'uopo e' necessario***

***<u>che il mandatario compia l'incarico non solo per conto, ma anche nel nome del mandante</u>…. Ma quando cio' non sia, e il mandatario abbia contrattato come se l'affare fosse suo proprio, agendo nel suo nome, e' il mandatario che assume la veste di vero e proprio contraente di fronte al terzo"*** (ara sentenza fl-ismijiet **Emmanuele Farrugia vs Giovanna Lughermo** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Civili) fid-29 ta' Ottubru 1956 – Vol. XL.i.280). Dan qieghed jinghad minghajr pregudizzju ghall-fatt ukoll li f'kull kaz jidher li Olaf Cini ecceda l-limiti tas-setghat moghtija lilu mill-konvenuta. Inoltre, *"l-oneri tal-provi tal-mandat jinkombi lil min jallegah, u f'dan il-kaz lill-attur"* (Vol. XL.ii.739). Il-fehma tat-Tribunal is-socjeta attrici lanqas ma rnexxielha taghmel din il-prova.

10. Fil-kawza fl-ismijiet **Salvatore Debono vs Ernest Royston Matthews et nomine** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-24 ta' Ottubru 1966 (Vol. L.i.320) gie kkonfermat li: *"ma kienx ikun jidrilha illi, fil-ligi taghna l-fatt illi t-terz li jikkuntratta ma' mandatarju jkun in bouna fede jew ma jkunx gie infurmat bil-limiti tas-setghat tal-mandatarju, jirrendi l-kuntratt vinkolanti ghall-mandant jekk fil-fatt il-kuntratt ma jkunx fit-termini tal-mandat, salv talvolta r-rimedju kontra l-mandatarju stess"*. Wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz it-Tribunal ma jarax li tezisti relazzjoni guridika bejn il-kontendenti.

11. Mill-provi lanqas ma jista' jinghad li f'xi zmien il-konvenut irratifikat dak li kien ghamel Olaf Cini, f'liema eventwalita kienet tkun obbligata taghmel tajjeb ghall-hlas; *"hu veru li l-mandant ma jirrispondix ghal dak li l-mandatarju jaghmel barra l-limiti tas-setghat li jkun tah il-mandant hlief fil-kaz li hu jkun irratifika l-ghemil tal-mandatarju imma din ir-ratifika, barra milli espressa, tista' tkun anke tacita"* (**John La Rosa nomine vs Carmelo Galea** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-30 ta' Mejju 1958 – Vol. XLII.i.344).

12. Min-naha l-ohra huwa stabbilit li hadd m'ghandu l-jedd li jarrikixxi ruhu a spejjez ta' haddiehor; *"nemo locupletarsi licet cum aliena iactura"*. Pero huwa risaput li

l-azzjoni *de in rem verso* hija min-natura taghha azzjoni sussidjarja, fis-sens li tista' tigi ezercitata wara li l-kreditur ma jkunx irnexxielu jihtallas mid-debitur tieghu. Huwa minnu li skond il-Kap. 380 it-Tribunal irid fl-ghoti ta' decizjoni japplika l-ekwita u t-Tribunal jissimpatizza mal-posizzjoni li sabet ruhha fihom is-socjeta attrici, pero' dan ma jfissirx li b'daqshekk ghandu jinjora u jiskarta l-principji legali. Fil-kawza fl-ismijiet **Salvatore Zammit vs Giuseppa Farrugia et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' Dicembru 1955 (Vol. XXXIX.ii.787) inghad: *"Huwa ormaj assodat, anki fil-gurisprudenza taghna, illi din l-azzjoni hija esperibbli in subsidum, meta ma jkunx hemm favur il-kreditur rimedju kontrattwali jew kwazi-kontrattwali (Kollez. XXIX.ii.812; XXXIV.iii.84).* ***Ghalhekk il-kreditur irid l-ewwel jezawrixxi d-drittijiet tieghu derivanti mill-kuntratt jew kwazi-kuntratt; u jekk jirrizulta li jkun esperihom inutilment****, allura jkun il-kaz li wiehed jikkunsidra jekk hemmx jew le lok ghall-azzjoni de in rem verso. Sakemm dawn ir-rimedji ma jkunux gew ezawriti mill-kreditur ghas-sodisfazzjon tal-qorti, l-azzjoni utili ssir intempestiva"*. L-istess insenjament gie adottat fil-kawza fl-ismijiet **John Seychell vs Emmanuele Farrugia** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta' Marzu 1955 (Vol. XXXIX.ii.593). Mill-atti ma jirrizultax li sal-lum is-socjeta attrici hadet xi passi biex tibda tezawrixxi d-drittijiet taghha fil-konfront tad-debitur taghha Olaf Cini. Ghalhekk kull azzjoni f'dan is-sens fil-konfront tal-konvenuta hija f'dan l-istadju intempestiva.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq premessi t-Tribunal qieghed jiddecidi l-kawza billi jichad it-talba tas-socjeta attrici u jilqa' l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuta. Salv u mpregudikati d-drittijiet tas-socjeta attrici fil-konfront ta' Olaf Cini.

L-ispejjez jibqghu minghajr taxxa.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
Gudi